# IL-FAĊĊATI TAL-ĦWIENET MALTIN TAĦT IL-LENTI

# F'TOPIA F'MUŻA

**Stqarrija l 1 ta' Ottubru 2024**

Heritage Malta bi pjaċir qed tħabbar wirja ġdida, bl-isem 'TOPIA', li hija installazzjoni minn Barnaby Barford, artist ibbażat f'Londra, u li se tkun miftuħa mit-22 ta' Ottubru 2024 sad-19 ta' Jannar 2025.

Imtellgħa f'MUŻA, il-Mużew Nazzjonali tal-Arti u l-Komunità fil-binja storika tal-Berġa tal-Italja, fil-Belt Valletta, 'TOPIA' tesplora l-wirt storiku, il-kultura u l-komunitajiet ta' Malta billi tiffoka fuq wieħed mill-aktar aspetti ikoniċi tal-gżira – il-ħwienet tagħha.

Ispirat l-ewwel darba mill-faċċati tipiċi tal-ħwienet Maltin matul l-ewwel żjara tiegħu fil-gżira lura fl-2019, Barford beda vjaġġ madwar kull belt u raħal f'Malta u Għawdex, u ġabar aktar minn 11,000 ritratt ta' ħwienet, li ħolqu stampa tal-ħajja kontemporanja fil-pajjiż.

Dawn ir-ritratti ntużaw biex inħolqu 1000 figurin f'għamla ta' binjiet ċkejknin, magħmula miċ-ċeramika fina, li kull waħda minnhom tirrappreżenta wieħed mill-ħwienet li żar l-artist. Dawn il-binjiet f'minjatura, kollha xogħlijiet uniċi tal-arti, intramaw mill-artist biex jiffurmaw triq Maltija b'ħajt tas-sejjieħ fuq kull naħa, kif issib tipikament fil-pajsaġġ lokali.

Il-wirja tinkludi wkoll intervisti rrekordjati mas-sidien tal-ħwienet, li joffru lill-viżitaturi rabta mal-uċuħ wara l-faċċati. 'TOPIA', li ġejja mill-kelma Griega 'topos' li tfisser 'post', toffri ħarsa ġdida lejn Malta u Għawdex fi żmien ta' bidla qawwija, u tħeġġeġ ir-riflessjoni u l-konverżazzjoni dwar it-tessut soċjo-kulturali tal-gżejjer.

Il-viżitaturi se jkollhom l-opporutnità li jixtru dawn ix-xogħlijiet uniċi u ffirmati online, bid-dħul imur biex jappoġġja l-proġetti tal-arti kontemporanja u tal-komunità ta' Heritage Malta. Pubblikazzjoni li tinkludi l-intervisti u r-ritratti tas-sidien se tkun disponibbli wkoll, biex toffri aktar għarfien dwar il-ġrajjiet u l-istorja ta' dawn l-istabbilimenti maħbuba.

Għal aktar tagħrif tista' ssegwi l-paġni ta' Heritage Malta u Barnaby Barford fuq il-mezzi soċjali, jew iżżur https://heritagemalta.mt/whats-on/topia/.

+356 22954000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta